# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 7**

**Rikors numru 1122/2017/1 MH**

**Edgar Fava**

**v.**

**Gerald Rapinett, Lilian Mifsud u l-Avukat Dr Victor Bugeja u l-PL Peter Paul Sammut mahtura b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2018 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Marthese Farrugia, ilkoll ahwa Rapinett**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors mahluf li ressaq l-attur fl-14 ta' Dicembru, 2017 u li jaqra hekk:

"1. Illi permezz tal-kuntratt 31 t'Awissu 2010 fl-att tan-Nutar Dottor Patricia Hall huwa gie kanonizzat kreditur ta' Giovanna Rapinett li kkostitwixxiet ruhha vera, certa u likwida debitrici versu u a favur tieghu fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf seba' mija u tmienja u sebghin Ewro u sebghin centezmu (€23,778.70) u bl-imghax

legali ta' tmienja fil-mija (8%) li beda jiddekorri fi zmien sena mid-data ta' l-istess kuntratt hawn anness u markat Dok EF1.

"2. Illi Giovanna Rapinett mietet fl-20 t'Awissu, 2015 (certifikat tal-mewt anness Dok. EF2), u sa dakinhar kienet hallset biss l-ammont ta' disa' mitt Ewro (€900).

"3. Illi Giovanna Rapinett halliet bhala eredi lill-erbat itfal taghha u cioe` Lilian, Marthese, Gerald u Mario, ahwa Rapinett. Mario miet minghajr ma halla ulied u ghalhekk hemm l-akkrexximent bejn it-tlett eredi l-ohra skond is-Seba' Artikolu ta' l-anness testament Dok. EF3. Qeghdin jigu annessi ir-ricerki testamentarji Dok. EF4 u EF5.

"4. Illi ghaddew aktar minn hames snin mill-kuntratt fuq indikat.

"5. Illi ai fini tal-artiklu 258 (c) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jinhtieg li l-istess kuntratt jigi rez ezegwibbli mill-gdid.

"6. Illi ghaldaqstant ir-rikorrent qed jadixxi din l-Onorabbli Qorti sabiex l-intimati jkollhom l-opportunita` ighidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"i) Tordna l-esekuzzjoni mill-gdid tal-imsemmi kuntratt kontra l-intimati in solidum bejniethom bhala eredi ta' Giovanna Rapinett ghall-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf, tmien mija u tmienja u sebghin Ewro u sebghin centezmu (€22,878.70), bl-imghaxijiet
skond l-istess kuntratt sad-data tal-effettiv pagament;

"Bl-ispejjez kontra l-intimati inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-12 ta' Dicembru 2016."

Rat ir-risposta mahlufa li ressqet Lilian Mifsud f'isimha personali u ghan-nom ta' Marthese Farrugia li in forza taghha eccepiet:

"1. Illi l-esponenti ma jafu xejn dwar is-somma mertu tal-kuntratt tat-31 ta' Awissu 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall;

"2. Illi in partikolari l-esponenti ma jafux jekk ommhom Giovanna Rapinett kienitx ghamlet xi pagamenti ohra qabel mewtha u ma ghandhomx mezz biex jivverifikaw jekk hija kienitx hallset biss is-somma ta' €900 kif jghid l-attur fit-tieni paragrafu tar-rikors guramentat;

“3. Illi huwa minnu li l-mejta Giovanna Rapinett innominat lill-esponenti bhala werrieta taghha flimkien ma’ Gerald u Mario Rapinett, izda l-esponenti ma riedux jikkommettu ghal dan il-wirt u fil-fatt l-esponenti intavolaw nota fir-Registru tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) li permezz taghha huma ddikjaraw li mhux bi hsiebhom jiehdu l-kwalita` ta’ werrieta ta’ Giovanna Rapinett jekk mhux bil-beneficcju tal-inventarju u li sa llum ghadu mhux maghruf kemm huma d-djun tal-istess decuius u jekk l-assi tad-decuius humiex akbar mid-djun taghha – ara Dokument ‘A’;

“4. Illi l-attur ma jistax jitlob l-esekuzzjoni ta’ kuntratt kontra persuni li ghadhom ma hadux il-kwalita` ta’ werrieta ghaliex dawn ma humiex debituri tal-attur u ma humiex legittimi kuntraditturi;

“5. Illi inoltre huwa ferm stramb kif l-attur ma ha l-ebda azzjoni kontra Giovanna Rapinett meta kienet ghadha hajja u halla hames snin jghaddu minn fuq l-imsemmi kuntratt tal-31 ta’ Awissu 2010 biex imbaghad ipprova jesegwih wara mewtha meta huwa impossibbli ghal uliedha li jivverifikaw x’pagamenti setghu saru minn ommhom matul hajjithom;

“Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-eccipjenti ghandhom is-segwenti eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet attrici:

“1. Illi l-eccipjenti m’humiex legittimi kuntradditturi f’din il-kawza stante illi sa llum huma ma hadux il-kwalita` ta’ werrieta ta’ ommhom Giovanna Rap8inett u ghalhekk ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju;

“2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jehtieg li l-attur jaghmel prova shiha u adegwata ta’ x’inhu l-bilanc (jekk baqa’) li ghadu jrid jithallas fuq l-att tal-31 ta’ Awissu 2010 fl-atti tan-Nutar Patricia Hall;

“3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti m’humiex debituri tal-attur;

“4. Illi fi kwalsijasi kaz l-attur irid jipprova li jisthoqqlu li din il-Qorti takkordalu l-fakolta` li l-kuntratt tal-31 ta’ Awissu 2010 jigi rez esegwibblki mill-gdid;

“5. Illi dawn l-eccezzjonijiet qed jinghataw kull wahda indipendenti mill-ohra u kull wahda minghajr pregudizzju ghall-ohra;

“6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt, u salv il-fakolta` li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri f’kaz li l-esponenti tirrizultalhom xi informazzjoni ulterjuri.

“Bl-ispejjez u b’rizerva ta’ kwalsijasi azzjoni spettanti lill-esponenti naxxenti mill-kuntratt mertu ta’ din il-kawza.”

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li in forza taghha eccepew:

> “1. Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta taghhom motivata f’stadju ulterjuri jekk jkun l-kaz.
>
> “2. Illi r-rikorrenti ghandhom jipprovdu indirizz fejn jistaw jikkomunikaw mal-assenti Marthese Farrugia.
>
> “Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat ir-risposta mahlufa ta’ Gerald Rapinett li in forza taghha eccepixxa:

> “1. Illi hu jammetti t-talbiet dedotti izda fl-ammont ta’ €21,278.70 stante li fl-17 ta’ Novembru 2015 sar pagament akkont ta dan id-debitu fl-ammont ta’ €1,600.00.
>
> “2. Li in vista tal-ammissjoni hu ma ghandux jbati spejjes inutli tal-proceduri odjerni.
>
> “3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessibbli mill-ligi.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-11 ta’ Dicembru, 2019, li in forza taghha dik il-Qorti ddecidiet li:

> “Tilqa’ t-talbiet u dan biss fid-dawl ta’ dak suriferit, ghalhekk bir-riduzzjoni ta’ l-ammont, bl-imghaxijiet sal-pagament effettiv.
>
> “L-ispejjez bejn il-partijiet jibqghu bla taxxa.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “Rat li filfatt Gerald Rapinett ammetta t-talba dedotta fl-ammont ta’ wiehed u ghoxrin elf mitejn u tmienja u sebghin ewro (€21,278) stante li kien sar pagament ta’ elf u sitt mitt ewro (€1,600).
>
> “Rat ukoll ir-risposta guramentata ta’ Lilian Mifsud pro et noe li filfatt tul il-mori tal-proceduri baqghet qatt ma ressqet prova ta’ l-accettazzjoni o meno tal-wirt ta’ ommhom. Filfatt ma avvanzat ebda hjiel ta’ provi fil-mori.
>
> “Rat ukoll ir-risposta tad-deputati kuraturi rappresentanti l-assenti Marthese Farrugia.

"Zied ukoll li ma kellux ibati spejjez in vista ta' l-ammissjoni tieghu.

"Rat ukoll li fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2019 (folio 85) giet prezentata nota ta' riduzzjoni tas-sorte.

"Dan gie kkonfermat bil-gurament mill-attur.

"Jirrizulta mill-istess verbal illi fil-fatt il-partijiet qablu li l-ispejjez jibqghu bla taxxa."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Lilian Mifsud f'isimha *proprio* u ghan-nom ta' Marthese Farrugia li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet:

"li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-precitata sentenza tal-11 ta' Dicembru 2019 fil-kawza fl-ismijiet premessi u minflok

"(i) jew tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex il-kawza terga' tigi deciza inkluz billi jigu decizi l-eccezzjonijiet tal-esponenti;
"(ii) jew inkella tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponenti u konsegwentement tichad it-talbiet tal-attur;
"bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati jew min minnhom."

Rat ir-risposta ta' Edgar Fava li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, jissottometti:

"illi s-sentenza appellata tal-11 ta' Dicembru, 2019 ghandha tigi konfermata u l-appell ta' Lilian Mifsud f'isimha proprio u ghan-nom ta' Marthese Farrugia ghandu jigi michud, fi kwalunke kaz dejjem fil-konfront ta' Gerald Rapinett illi ammetta t-talbiet tar-rikorrent appellat, bl-ispejjez ta' l-Ewwel Istanza jibqghu bla taxxa kif miftiehem bejn il-partijiet u kif deciz mill-Ewwel Onorabbli Qorti, u bl-ispejjez ta' l-Appell a kariku ta' l-istess appellanti Lilian Mifsud pro et oe".

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza għall-esekuzzjoni ta' kuntratt pubbliku ippubblikat min-Nutar Dottor Patricia Hall fil-31 ta' Awwissu, 2010, li fih Giovanna Rapinett ikkostitwiet ruħha veru, cert u likwida debitrici versu l-attur fis-somma ta' €23,778.70.  Din Giovanna Rapinett mietet fl-20 ta' Awwissu 2015, u l-konvenuti huma l-eredi testamentarji tagħha.

Il-konvenut Gerald Rapinett ammenta t-talba għas-somma ta' €21,278.70, stante pagament fil-mori.  Lilian Mifsud min-naħa l-oħra, qalet li ma taf xejn dwar il-kuntratt in meritu, u li, f'kull kaz, għadha ma ddecidietx taccettax il-wirt ta' ommha peress illi ma tafx kemm huma d-djun tal-mejta ommha.

L-ewwel Qorti, wara li kkonstatat li d-dejn, kif ridott, għadu dovut, laqgħet it-talba attrici.

L-imsemmija Lilian Mifsud *pro et noe* appellat mis-sentenza u baqgħet tinsisti illi l-kawza ma messhiex saret kontra tagħhom għax huma ma kinux assumew il-kwalita` ta' werrieta.

Trattat l-appell, din il-Qorti tibda biex tosserva li l-indagini li hi trid tagħmel f'kazijiet ta' din ix-xorta huwa wieħed limitat.  Kif qalet il-Prim Awla tal-

Qorti Civili fil-kawza "Bank of Valletta plc v. Refco Co. Ltd et" deciza fit-12 ta' April, 2012:

> "Irrispettivament x'inhu l-ammont li ghadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' procediment m'huwiex il-kompitu tal-qorti li toqghod taghmel konteggi u tikkundanna lill-intimati jhallsu xi ammont. L-ezercizzju li jrid isir hu pjuttost wiehed ta' verifika li ghad hemm hlas dovut, cjoe' li l-obbligazzjoni tal-hlas ghadha tezisti u li ghalhekk ikun ghadu jezisti t-titolu ezekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-ezekuzzjoni ghandha ssir biss fuq il-bilanc li ghadu dovut mill-intimati."

Il-problema f'din il-kawza tohrog mill-mewt tad-debitrici u l-fatt li tnejn minn uliedha ghadhom ma iddecidewx jaccettawx il-wirt taghha. Din il-Qorti ma tarax li din hi problema.

L-Artikolu 831 tal-Kodici Civili jghid illi s-successjoni tinfetah kif tigri l-mewt. Il-pussess ta' hwejjeg il-mejjet, jghid l-Artikolu 836 tal-istess Kodici, jghaddi, bis-sahha tal-ligi, b'mod ta' kontinwazzjoni, fil-werriet, bl-obbligu li jhallas il-pizijiet kollha tal-wirt. Ovvjament, kif jghid l-Artikolu 846 tal-istess Kodici, hadd ma hu obbligat li jaccetta wirt li jmiss lilu, pero`, sa ma jkun hemm rinunzja, il-werrieta skont il-ligi jitqiesu li jirrapprezentaw il-mejjet.

L-esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv jista' jintalab, fi kliem iehor, kontra l-eredi nominati b'dan, pero`, li dak li ma jaccettax il-wirt ma jkunx jista' jigi imgieghel ihallas lanqas sehmu. Ghall-fini ta' l-esegwibilita` ta' kuntratt pubbliku, il-kreditur irid jipprocedi kontra l-werrieta li bis-sahha tal-ligi jkomplu l-personalita` guridika tal-mejjet, il-hlas, imbaghad, ikun irid isir

minn min ma jkunx irid jirrinunzja ghall-wirt. L-Artikolu 259(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jghid car u tond li z-zmien li fih wiehed jista' jiddikjara jekk iridx jaccetta l-wirt "**ma jissospendix l-esekuzzjoni**" bir-rizultat li l-process ghall-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv jibqa' ghaddej kontra l-werrieta bil-ligi.

Dan mhux kaz fejn ghandhom jinhatru kuraturi, ghax l-Artikolu 259(2) tal-ahhar imsemmi Kodici, jikkontempla dan il-kaz meta l-werrieta ma jkunux maghrufa. Jekk huma maghrufa, izda ghadhom jiddeliberaw jaccettawx jew le l-wirt, il-process tal-esekuzzjoni irid jitkompla.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Lilian Mifsud f'isimha *proprio* u ghan-nom ta' Marthese Farrugia billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, kif iddecidiet l-ewwel Qorti, izda dawk ta' din it-tieni istanza jithallsu kollha mill-appellanti Lilian Mifsud pro et nomine *occorrendo in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr